# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 10 ta' Awwissu, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Beled Abdulkarim A.A. Ibderi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Beled Abdulkarim A.A Ibdri detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 128183A.

Akkuzat talli fid-9 ta' Awwissu, 2016 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu dokumenti mahruga minn awtorita' kompetenti, cioe' passaporti Libjani u mahruga f'ismijiet differenti minn ta' l-akkuzat, ittrasferixxa dawn id-dokumenti lil persuna ohra jew ircieva dokumenti li gew ittrasferiti lilu minn persuna ohra.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta' l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**